**Fabian Mangion** *B.A., S.Th. Lic.*

# L-Assunzjoni ta' Marija
## Kult antik fil-Parroċċa tal-Isla

IL-KNISJA TFAKKAR U TIĊĊELEBRA R-'RAQDA' TAL-MADONNA U L-ASSUNZJONI TAGHHA BIL-ĠISEM U BIR-RUH FIS-SALTNA TA' BINHA, FEJN IRĊEVIET MINGHANDU KURUNA TA' GLORJA DEJJIEMA U TRON FUQ IL-QADDISIN U L-KORI KOLLHA TAL-ANĠLI. DAN IL-FATT ĠIE DDIKJARAT DOMMA TAL-FIDI MILL-Q.T. IL-PAPA PIJU XII FL-1 TA' NOVEMBRU 1950, FESTA TAL-QADDISIN KOLLHA, LI TAGHHOM L-MADONNA HI SULTANA.

Id-dormitio tal-Madonna, kif kien imsejjaħ il-passaġġ tagħha bil-ġisem u bir-ruħ fis-sema, kien jixraqlu li jkun imfaħħar b'solennità speċjali, li ġie istitwit bl-isem ta' 'Assunzjoni', li jfisser bir-reqqa l-mod li bih hi telgħet fis-sema merfugħa mill-anġli, waqt li l-Mulej tela' bil-qawwa tiegħu nnifsu (Axxenzjoni). Din il-festa li qabel kienet tinżamm fit-18 ta' Jannar (kif jidher mill-Martoloġju ta' San Ġlormu u minn kalendarji antiki ferm), x'aktarx li ġiet iffissata għall-15 ta' Awwissu taħt l-Imperatur Mawrizju (+ 602) fis-seklu sitta. Hu ried li l-festa tkun iċċelebrata kullimkien fl-imperu. Hija ħaġa żgura, iżda, li din il-festa kienet ilha tiġi ċċelebrata u aktarx bdiet hekk kif bdew il-festi tal-qaddisin, fl-ewwel żminijiet tal-Knisja.

Il-ħajja devozzjonali f'Malta sa minn dejjem tat prominenza speċjali lil din il-qima Marjana. Għalkemm huwa diffiċli li jinstab il-bidu u l-oriġini ta' din il-qima, bosta jsostnu li l-Knisja Katidrali l-qadima kienet iddedikata lill-Madonna, probabbilment taħt din il-forma ta' venerazzjoni. Aktar minn hekk, analiżi dettaljata tal-viżti pastorali li seħħew f'Malta sal-aħħar tas-seklu 18, turi biċ-ċar il-preżenza ta' 92 knisja ddedikata lill-Assunzjoni, bosta minnhom mibnija wara l-bidu tas-seklu 17, u ħafna oħrajn mibnija qabel l-1575[1].

### ARTAL ĠDID F'PARROĊĊA ĠDIDA

Lejn il-bidu tas-sena 1581, il-Belt Senglea ħadet il-limiti tagħha mill-parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu u twaqqfet bħala parroċċa ġdida. Il-knisja parrokkjali ġiet iddedikata lil Santa Marija tal-Vitorja u nbniet bħala momument tar-rebħa tal-Assedju l-Kbir li seħħet fit-8 ta' Settembru 1565.



Il-kwadru titulari tal-artal tal-Assunzjoni ta' Marija, xogħol ta' Stefano Erardi (1630-1716).

Minn dokument li jinsab ippreservat fl-arkivju tal-kurja arċiveskovili ta' Malta, li jġib id-data tat-3 ta' Ġunju 1581 – id-data li ġieli tqieset bħala dik tat-twaqqif tal-parroċċa – insibu reġistrat li ċertu Lawrenz Falzon ġie mogħti l-fakultà biex jibni - fil-knisja l-ġdida - artal iddedikat lil Marija Assunta[2]. Lejn is-sena 1602, il-kjeriku Ġwanni Karlu Falzon, iben Lawrenz, iddota lil dan l-artal wara l-mewt ta' missieru.

Il-kwadru tal-artal kien juri fih lill-Verġni Marija bil-qaddisin San Ġwann u Santa Katerina. Peress li l-kwadru ma kienx addattat għat-titlu tiegħu, fl-1608 sar kwadru ġdid fuq it-tila li kien jixraq iżjed. Aktar tard, b'reskritt tal-Isqof Baldassere Cagliares tal-10 ta' Frar 1629, dan l-artal ġie mħolli f'idejn il-kura u l-attenzjoni ta' Danjel Audibert[3].

**IL-FRATELLANZA TA' SAN KARLU BORROMEO**

Fuq ix-xellug tal-artal maġġur tal-knisja tal-lum, hemm artal iddedikat lill-Assunzjoni ta' Marija. Il-kwadru tiegħu, imqiegħed bejn erba' kolonni u diversi ornamenti ta' skultura, huwa pittura klassika ta' wieħed mill-iprem artisti li qatt kellha Malta – Stefano Erardi. Din il-pittura, fil-parti ta' fuq, turi 'l-Madonna qed tiġi mtellgħa fis-sema mill-anġli, u fil-parti t'isfel naraw żewġ figuri imponenti. Waħda hi dik ta' San Karlu Borromeo u l-oħra hi ta' Sant'Anna.

Dik ix-xbieha ta' San Karlu hi tifkira ta' artal li kien jeżisti sa mill-bidu tal-parrokkat tal-kappillan Dun Cosmo Talavera (1617-1634), u li fuq kollox, għandu jfakkarna li l-parroċċa tal-Isla, sa minn żmien it-tielet kappillan, beda jkollha wkoll il-Fratellanza ta' San Karlu.

L-artal iddedikat lil dan il-qaddis fil-knisja tal-Isla twaqqaf fis-sena 1619, bil-ħidma ta' Mikiel Vizzino[4]. Dan l-artal tqiegħed fil-kappella dedikata lil Santa Marija Maddalena[5]. Imbagħad, fis-sena ta' wara, eżattament fl-20 ta' Ġunju 1620, fuq l-istess artal, twaqqfet fratellanza f'ġieħ dan il-qaddis permezz ta' ittri appostoliċi li ħarġu mill-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore f'Ruma mill-Papa Pawlu V[6]. Ċertament, ftit huma dawk li jafu b'din il-fratellanza li darba kienet teżisti fl-Isla.

Fis-16 ta' Majju 1621, l-Isqof Baldassere Cagliares kien għamel fl-Isla viżta pastorali. Dan l-artal, xi legati marbutin miegħu u l-fratellanza, jissemmew fir-rapport ta' din il-viżta li saret f'inqas minn sena mit-twaqqif tal-artal u tal-fratellanza nnifisha. Għaldaqstant, hija fonti mill-aktar ġenwin għat-tagħrif li twasslilna.

Minn din ir-relazzjoni, jidher illi din il-fratellanza kienet miftuħa għal kulħadd, għad li ma kellha ebda ħidma speċifika. L-imseħbin fiha, kienu jibbenefikaw minn xi benefiċċji spiritwali, l-aktar minn suffraġji wara mewthom. Il-fratelli kienu jieħdu sehem f'xi purċissjonijiet fil-parroċċa lebsin konfratija bajda u muzzetta ħamra. L-ewwel fratelli ħasbu biex jagħmlu statwa tal-qaddis u poġġewha bħala titular fuq l-artal, qabel ma sar l-inkwatru tal-pittura[7].

Il-fatt li din il-fratellanza ma kellha ebda ħidma partikolari, ħadem kontra tagħha, tant li sas-sena 1667, kienet marret lura ħafna, u kien hemm telqa u nuqqas ta' ħeġġa liema bħalha[8].

**DEVOZZJONI LEJN SANT'ANNA**

Imbagħad, fis-sena 1676, fi żmien il-pesta qalila li ħasdet ħafna mill-popolazzjoni, fuq dan l-artal nibtet devozzjoni lejn Sant'Anna, wara li kien sar ħafna talb lil din il-qaddisa, l-aktar min-nisa li kienu ser isiru ommijiet, biex dan il-flaġell qerriedi jintemm[9]. Kienet devozzjoni hekk qawwija li fi żmien qasir wasslet biex nessiet anke l-fatt li l-artal kien iddedikat lil San Karlu.

Ir-relazzjoni tal-viżta pastorali li l-Isqof Ġlormu Molina għamel fis-sena 1679, turi li l-fratellanza kienet kważi wieqfa għal kollox, tant illi la kellha fratelli u anqas prokuratur min jieħu ħsieb l-artal. Kulma kien fadal, tista' tgħid kien l-isem biss[10]. B'kuntrast qawwi, il-qima lejn Sant'Anna kienet qed tikber b'mod illi, sa żmien il-viżta pastorali mill-Isqof Davide Cocco Palmieri tal-

1686, għad li l-artal kien għadu ddedikat lil San Karlu Borromeo, kien qiegħed kontinwament jissejjaħ bħala ta' Sant'Anna[11].

Madanakollu, il-parroċċa xorta waħda baqgħet, għal xi żmien wara, tagħmel festa f'ġieħ il-qaddis billi jitkanta l-għasar u ssir quddiesa kantata nhar il-festa tiegħu fl-4 ta' Novembru ta' kull sena[12].

Ġara mbagħad li l-imsemmi Isqof Cocco Palmieri, waqt viżta oħra fis-sena 1694, ordna li dan l-artal jinbidillu t-titular, u jiġi ddedikat lit-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna. Ir-relazzjoni tal-viżta tinnota li fl-Isla, il-qima lejn l-Assunta hi tal-ewwel żmien tal-parroċċa. Billi l-Assunta kienet tilfet l-importanza tagħha, inkiteb li: "f'dan l-artal, hemm bżonn li tiġi ċċelebrata wkoll il-festa tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija bl-ewwel għasar u quddiesa, li jitkantaw ..."[13]

B'hekk, San Karlu Borromeo tilef għalkollox, saħansitra anki t-titular propju ta' dan l-artal. Minkejja li wara din l-ordni tal-Isqof, it-titular sar dak tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna, xorta waħda baqa' jissejjaħ mill-poplu Senglean bħala l-artal ta' Sant'Anna[14]. U hekk għadu jissejjaħ sal-lum.

Aktar tard, u għal xi żmien qasir, fuq dan l-artal twaqqfet sodalità f'ġieħ din il-qaddisa, omm il-Madonna[15]. Din il-kongregazzjoni kienet toffri xi benefiċċji spiritwali bħalma qabilha kellha l-Fratellanza ta' San Karlu Borromeo. Imma maż-żmien, din is-sodalità spiċċat ukoll.

Din l-istorja mħawra u interessanti ta' din il-fratellanza u tal-artal ddedikat lill-Assunzjoni ta' Marija hija riflessa fil-pittura li llum iżżejjen dan l-artal li hi msemmija aktar 'il fuq.

**ARMAR U TIŻJIN TAL-ARTAL**

Għad li ċertament il-Fratellanza ta' San Karlu kellha standard u xi armar għall-artal, minn dan, illum, ma baqa' xejn. Fil-fatt, illum ħafna mill-armar għandu rabta mad-devozzjoni lejn Sant'Anna. Ħafna minn dan l-armar sar lejn l-aħħar snin tas-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20 meta Dun Piju Borg, saċerdot dedikat li kien ukoll ċerimonjier tal-Kolleġġjata, kien prokuratur tal-artal.

Fuq il-prima tal-artal, fil-festa jintramaw sett ta' sitt gandlieri tal-metall arġentat[16]. Sal-Gwerra, bejn il-gandlieri kienu jitqiegħdu erba' statwetti ta' qaddisin b'rabta ma' Sant'Anna - San Ġwakkin, San Żakkarija, Santa Eliżabetta u San Ġwann Battista - u dawk ta' David u Abram. Iżda minn dak is-sett, mill-Gwerra ħelsuha biss l-istatwi ta' San Ġwakkin u ta' San Żakkarija[17]. Fl-2008 reġgħu saru mill-ġdid l-istatwi ta' San Ġwann Battista u ta' Santa Eliżabetta, għad li ma nħassitx il-ħtieġa li jsiru dawk ta' David u Abram.

Is-sottokwadru li hemm illum, li sar fl-2007 fl-okkażjoni tal-kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ, juri propju x-xbieha ta' San Ġorġ Preca, l-ewwel qaddis Malti kkanonizzat[18]. Il-gwarniċa ornamentali tal-fidda, hija donazzjoni tal-Kanonku Arċipriet Ġużeppi Bonanno, ftit snin qabel il-Gwerra.

Il-ventartal tal-fidda, wieħed mill-isbaħ mis-sett ta' tnax li tippossiedi din il-knisja bażilika, sar fuq disinn tas-Senglean Mastru Mikiel DeGiovanni, u fil-parti ċentrali juri lil Sant'Anna qed tgħallem lill-Madonna fit-tfulija tagħha. Hemm ukoll is-simboli tal-erba' evanġelisti.



Il-kwadru tal-Assunzjoni ta' Marija, xogħol ta' Rokku Buhagiar (1725-1805) li jinsab fis-sagristija tal-kolleġġjata.
Ritratti: Hajr lill-awtur

L-artal għandu wkoll lampier antik, missal u sett karti tal-Glorja, kollox tal-fidda. Is-sopratvajla li kellu dan l-artal sal-Gwerra, illum titqiegħed fuq l-artal ta' San Frangisk, u llum, fuq dan l-artal titqiegħed waħda ġdida li kienet saret fis-sena 1986 fuq disinn ta' Salvu Bugeja.

Bħall-artali l-oħra kollha tal-Bażilika, dan l-artal tal-Assunzjoni ta' Marija għandu wkoll armar rikk biex bih jiżżejjen fil-festi ta' matul is-sena bħalma huma l-Milied, l-Għid il-Kbir u Pentekoste.

**KONKLUŻJONI**

Filwaqt li fis-sagristija tal-Bażilika nsibu kwadru mdaqqas li juri l-Assunzjoni tal-Madonna, xogħol tal-pittur Rokku Buhagiar,[19] meta fis-sena 1989, il-pittur Frank Portelli kien qiegħed ifassal l-ideat tiegħu għall-pittura tal-koppla tal-Bażilika tal-Isla, b'konsultazzjoni sħiħa ma' Patri Guido Schembri OFM, espert bibliku, iddeċieda li fil-quċċata ta' dan is-santwarju singulari Marjan, jippreżenta lil Marija bħala sultana. Fit-18 ta' Ġunju 1991, l-ewwel pittura minn sett ta' tmienja kienet lesta. Din kienet tirraffigura lil Marija fit-tlugħ tagħha fis-sema u inkurunata mit-Trinità Qaddisa.

Għaldaqstant, fil-post prinċipali tal-koppla, inawgurata fil-21 ta' Marzu 1993 mill-Kanonku Dun Vinċenz Cachia, Arċipriet tal-Isla, illum, wieħed jilmaħ ix-xbieha tal-Madonna fil-glorja tas-smewwiet. Il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu jidhru jqiegħdu kuruna fuq ras Marija. Il-kuruna hija l-premju li Alla jagħti lill-maħbubin tiegħu li qdew fedelment ir-rieda tiegħu. U min iżjed minn Marija tabilħaqq jisħoqqlu dik il-kuruna ta' glorja? Kienet hi li Alla l-Missier għażel biex, b'opra tal-Ispirtu s-Santu, iġġib fid-dinja lill-Feddej. Kienet hi li laqgħat is-sejħa u baqgħet fidila lejha fil-waqtiet kollha ta' ħajjitha.

**REFERENZI u NOTI**

1 Borg, V. (ed.), Marian Devotions in the Islands of Saint Paul (1600-1800), 1983, p. 6.

2 Fil-bidu, dan kien it-tielet wieħed fuq il-lemin tal-artal maġġur, u qrib il-bieb ta' barra. Sas-sena 1602, tressaq iżjed 'il fuq u ġie t-tieni mil-lemin. (Arkivju Arċiveskovili Floriana, Atti Ċivili, ms. 1 [1579-1581]).

3 Borg, (ed.), Marian Devotions in the Islands of Saint Paul (1600-1800), 1983, p. 29.

4 Bonnici, A., L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina, Vol. I, 1981, p. 154.

5 Illum dan huwa l-kappellun tad-Duluri u għalhekk jista' jingħad li dan l-artal, għad li b'titular differenti, żamm l-istess post sal-lum.

6 Mhux magħruf x'wassal lill-kappillan Talavera jdaħħal dan l-artal u l-kwadru ta' San Karlu Borromeo (1538 – 1584). Kien iżda żmien li matulu, fil-Knisja kienet qed tinħass l-applikazzjoni tar-riforma skont il-Konċilju ta' Trentu u għalhekk, il-figura ta' San Karlu kienet importanti għall-Knisja Universali. Kien Arċisqof ta' Milan, u ħadem għal ħafna snin biex ir-riforma tal-Knisja ma tibqax biss f'digrieti li ħadd ma jagħti kashom. Ġie kkanonizzat fl-1610 mill-Papa Pawlu V, ftit tas-snin biss wara mewtu. Minħabba l-kariżma li kellu ta' hidma pastorali fost il-poplu, fil-Knisja kienet nibtet devozzjoni immedjata u qawwija lejh fi żmien qasir. (Bonnici, A., L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina, Vol. I, 1981, p. 132).

7 Bonnici, A., L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina, Vol. II, 1986, p. 54. Imbagħad, din l-istatwa għamlet xi żmien f'niċċa fil-knisja, sakemm l-Isqof Vincenzo Labini, fis-sena 1781, ordna li titneħħa mill-knisja u titqiegħed fis-sagristija għaliex, skont hu, kienet qed tkerrah l-ambjent. (Arkivju Arċiveskovili, Floriana, Visit., XXXIV, 1781, p. 382).

8 Bonnici, A., L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina, Vol. II, 1986, p. 90.

9 In-nies tal-Isla osservaw li l-maġistrat tal-Imdina, f'isem dik il-belt qadima, kien għamel wegħda lil Sant'Anna fi żmien il-pesta. Wara l-pesta, fl-Imdina, Sant'Anna ntgħażlet bħala l-qaddisa li tħarishom minn dan il-flaġell. (Bonnici, A., L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina, Vol. II, 1986, p. 111).

10 Arkivju Arċiveskovili, Floriana, Visit., XXII, 1679, p. 102.

11 Arkivju Arċiveskovili, Floriana, Visit., XXIII, 1686, p. 457.

12 Bonnici, A., L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina, Vol. II, 1986, p. 141.

13 Arkivju Arciveskovili, Floriana, Visit., XXV, 1694, p. 457.

14 Fis-sena 1722, waqt li l-Assunta ħadet pożizzjoni ċentrali, il-qaddisin 'titulari' tal-kwadru kienu meqjusin Sant'Anna u San Karlu. Imma għalkemm San Karlu deher fl-iċken importanza għal dak l-artal, il-fratellanza ċkejkna kienet għadha msemmija għalih. Sa ftit tas-snin wara, l-artal kien meqjus bħala ta' Sant'Anna jew ta' San Karlu. Imma Sant'Anna dejjem issemmiet fl-ewwel post. (Bonnici, A., L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina, Vol. II, 1986, p. 218).

15 Bonnici, A., L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina, Vol. II, 1986, p. 284.

16 Propjament, dawn huma tas-sekonda tal-artal tat-Trinità.

17 Mill-ftuħ mill-ġdid tal-knisja fl-1957 sas-sena 2007, ma' dawn it-tnejn, kienu jitqiegħdu fuq l-artal żewġ statwetti mis-sett tal-artal tal-Kappella tas-Sagrament.

18 Qabel dan, kien hemm pittura ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, u li issa ġiet trasferita għal fuq l-artal tal-Madonna tal-Katina.

19 Dan il-kwadru jifforma parti minn sett ta' erbgħa li juru episodji mill-ħajja tal-Madonna u li oriġinarjament kienu fl-Oratorju tal-Purifikazzjoni tal-Madonna, magħruf bħala tal-Gandlora.